# IL HABIB

Joħroġ cull nhar ta tlieta, barra mil gimgħa il Cbira u il gimgħa ta Labsi.—L'imsieħbin ta Malta u Għaŭdex jisŭielhom, bil Posta b'collox, tliet xelini fis-sena, li jistgħu jitħallsu xelin cull erba' xhur, bil kuddiem. Ta Barra, jisŭielhom xelin actar fis-sena u jaħtieġ iħallsu għall'inkas bis-sitt xhur fuk. Min ma javżax xahar kabel tagħlaklu is-sena, jirtabat għal oħra.—Ebda chitba li tasal f'idejn id-Direttur ma tarġa tirtadd l'ura.

Imżeŭŭak b'cull xorta ta daŭl, ta tagħlim, ta aħbarijet u ta mogħdija taż-żmien: imma dejjem nisrani u *ħabib tal-kalb.*
Proprietarju: il *Cumitat tal Għakda tal Appostulat tat-Talb,* li kankal u sejjer imexxi dan il kari tajjeb, għall gid tal Maltin.
Direttur: is-Sur Ġużè Muscat-Azzopardi (strada santa Lucija, numru 89.)
Amministratur: is Sur Anġ Galea (str. Brittanica, numru 53).
Stamperija: *G. Muscat* (strada sant'Orsla, numru 213).

IT-TIENI SENA. IT-TLIETA, ID-29 TA LULJU, 1913. NRU. 75.

*Inbiercu b'kalbna collha il HABIB, gażetta bil Malti, u nirriccmandaŭħ lir-Reverendi Cappillani, biex ixerrduħ kalb l'insara tal Parroċċi taħħom, għax nistenneŭ minnu gid cbir.*
*Mil Belt, fid-19 ta Jannar, 1912.*
† P. Arciskof u Iskof.

## Ic-Circlu San Giusepp

Haġa, għad li bi ħsieb tajjeb u kaddis, mux dejjem tirnexxi, jeŭ ma tirnexxix chemm tistenniha. Il Cumitat tal Appostolat tat-Talb, mheggeġ mil President tiegħu il Cav: Sur Nin Lanzon, meta kata' li jgħakkad Xirca tal ħaddiema għal għajnuna ta bejniethom fil mard u fil kagħad, ħalli l'imsieħbin ibegħedhom mil pericli collha, minn dic ucoll ir-rebgħa tal logħob għal flus, li bosta drabi hi ta rvina lil familji; mux biss, imma ħalli l'imsieħbin icollhom fejn ikattgħu siegħa żmien, ŭara ix-xogħol u't-taħbit ta magħ tul il ġurnata, rà u ħaseb li jiftaħ għalihom Cażin, jeŭ aħjar Circlu, b'tiatrin, b'cinematografu, u bi sŭali għal kari, għal biljard u logħob ieħor, mux għal ictar minn sitt-ħabbiet jeŭ l'akŭa għal sold Għażel għalhecc il Palazz Caraffa, li donnu maħluk għal Cażin, li jaħasra! ma chienx ftit l'isfel, nifed is-sŭali, li jatu għal Strada Forni, biex jagħmel sala ŭaħda li tcun tista' tasa' mgħal erba' mitt ruħ; daħħal magħ collimchien il luce elettrica, u rmah, u libbsu b'collma chien meħtieġ, mingħajr lussu, għax ma tridx tmidd il pass actar milli jati riġlec. Il Cumitat għoġbu isejjaħlu «Circlu Cattolicu San Ġusepp»; għax, barra milli fil mogħdija taż-żmien, ħsiebu chien actar fit-tħarriġ f'coll tagħlim xierak u meħtieġ u fl'imgiba u fitturija nisranija tal imsieħbin u ta uliedhom. Għalhecc, mindu nfetaħ, b'festa li tibka' tissemma', ħà ħsieb, li il mejda tas-sala tal kari tcun dejjem mraŭma b'numru cbir ta ġurnali u ta perjodici mil aħjar, bħalma huma: *Acta Apostolicae Sedis*(1), *La Civiltà Cattolica, L'Osservatore Romano, The Catholic Times, L'Eco del Pontificato, Pro Familia* (daŭn l'aħħar tnejn bl'istampi),*La Gazzetta di Malta, Daily Malta Chronicle, The Malta Herald, Il Habib, Il Messaggier tal Kalb ta Gesù, Ir-Rusarju Imkaddes, L'Immacolata Concezzjoni, Il Habbar ta Sant Antnin, Il Mogħdija taż-Żmien* u oħrajn. Barra minn dan, fetaħ scola għat-tfal tal imsieħbin u kabbad żeŭġ kassisin, magħrufa għal għerf u għattieba, biex ŭieħed jgħallimhom it-taljan, l'inglis, l'aritmetca, l'istorja u'l geografija, u l'ieħor id-duttrina mkaddsa.(2) X'actar? Talab l'aħjar nies ħalli jagħmlu lil imsieħbin Conferenzi religjusi, socjali u xientifici, ħalli daŭn jgħarfu aħjar id-dmirijet li għandhom lejn Alla l'eŭŭel, mbgħad lejjhom nfushom u lejn il proxxmu tagħhom, u jagħnu moħħhom b'coll tagħlim sabiħ u ta fejda; u hecc magħ tul is-sena, li ilu miftuħ ic-Circlu, saru għaxar Conferenzi, li għamluhom: l'Iskof Aŭsiljarju Mons. Portelli, Mons. L. Attard D.D. Vigarju tal Iskof, il Can. Tesorier E. Galea Naudi D.D., Mons. P. Gauci, Segretarju tal Iskof, fuk l'Assedju il Cbir; il Curunell Cav. L. Manchè M.D., fuk ix-xorb u't-tipjip barra mil kies; is-Sur Ġusè Muscat-Azzoppardi P.L., Direttur tal *Habib,* fuk il contravvenzjonijet u fuk l'appell fil krati t'isfel fil criminal; il Can. Colleg. P. P. Borg D.D. fuk ix-xogħol; u'l Prof. Dun Carm Psaila, is-surmast tal iscola tat-tfal tal imsieħbin, li għamel tlieta: 1. Vjaġġ mil art għax-xemx; 2. id-Dehra tas-Salib lil Costantino u'l libertà tal Cnisja(1); 3. id-dakk, il ħoss u l'ecu. Saru ucoll disa' Letturi bil Lanterna Magica.

Fuk il Congress Eŭcaristicu, minn Mons. P. Gauci;

Fuk il Catacombi, minn Dun Carm Psaila;

Fuk Mosè, minn Dun Ġŭann Gauci M.A.,D.D.;

Fuk il Miracli ta G. C., minn Mons. L. Farrugia D.D.

Fuk San Paŭl, minn Mons. P. Galea (2);

Fuk Ġuseppi il Ġustu, minn Mons. Alfonsu M. Agius D.D.;

Fuk Pompej, mil Cav. G. F. Inglott M.D;

Fuk Venezja, mil Cav. G. Muscat Azzopardi P.L. (3);

Fuk Ġovanna d'Arco, mil Can. Colleg. P. P. Borg, D.D.

Issa narga' għal cliem li bih bdejt; u, kabel xejn, għandi navsa, li jitkarrak, min jaħseb fuki li jiena hecc mgħomi ŭara il Cumitat li, biex nfaħħar lilu, ma ngħidx is-seŭŭa, bla ma jimpurtani mil gid tal oħrajn. X'irġulija tcun tiegħi jecc ngħolli mgħassmeŭŭjet lil Cumitat u ngħid li collma ħaseb hu chien seŭŭa u collox mârlu dejjem ħarir, li il gid li għamel hu bla tarf, li chemm hemm Membri fil Cumitat bakgħu dejjem bil ħrara li bdeŭ biha, li l'imsieħbin ħakkhom coll tifħir, talli għarfu jgħożżu dac li sar għalihom u jakalgħu minnu il gid collu li setgħu; u mbagħad, jecc hemm xi ħaġa li għandha bżonn tisseŭŭa, mux li ma tisseŭŭiex, imma tissocta sejjra mgħarrka b'telf ta gid ta bosta? Mela xejn tlaklik u ħabi; natu lil collħadd li ħakku. Nifimha jien li ħafna tal Cumitat għandhom x'jagħmlu bosta u jafdaŭ fl'oħrajn; imma, jecc ma jistgħux jieħdu sehem fix-xogħol tal Cumitat u fit-trigija tax-Xirca, li chienu talankas jidħru xi darba, bħallichiecu fis-Seduti Generali, fil Conferenzi u x'naf jien, chienu jagħmlu il kalb lil sħabhom u lil imsieħbin u jagħmlu ucoll sabiħ fil għajn, għax coss! il kalb trid tcun u l'għajn trid tagħha ucoll. Is-soci jieħdu gost jaraŭ kalbhom lis-sinjuri tal Cumitat, u icomplu jingibdu lejn ix-Xirca. Dan għal biċċa il cbira tal Cumitat, li għandi għalihom kima cbira u nixtiek narahom mxerrchin magħna fix xogħol, li illum cotor bla tarf; imma la darba huma ma jistgħux, ntennilhom li għallankas ma jonksux fli tlabthom: ŭisk ftit kuddiem dac li kiegħdin jagħmlu xi Membri tal Cumitat u tas-Sottocumitat. Id-dmir, li jgħaddi il kuddiem ix-Xirca hua ta collħadd, la darba huma ucoll chellhom sehem fit-tŭakkif tagħha u huma il missierijet tagħha. Issa gejja tal imsieħbin. Daŭn nistgħu ngħidu li huma il kofol u'l għakda, dauc li jorbtu u iħollu. Collu għalxejn li il Cumitat jaħdem u iħabrec, jecc is-soci ma iridux jifhmuha. U s'issa ma donnhomx li fehmuha ŭisk. Rari biex tara ŭieħed b'ġurnal f'idejħ fis-sala tal lettura; u chemm hemm x'jakra jecc irid! Għal Conferenzi, li minnhom għandu collħadd x'jitgħallem, ŭisk ftit jiġu; u taħseb li l'imsieħbin huma actar minn elf ŭieħed! Għal Letturi, li tant jallettaŭc meta il Conferenzier icun b'aptitha, għad li is-sala tcun actarx mimlija, is-soci tgħoddhom fuk subgħajc. L'iscola katt ma chienu actar minn ħmistax il tifel. Cont sejjer ingħid għoxrin lira fis-sena mitlufa! U x'surmastrijet għandhom! Fic-Circlu dejjem uċuħ ŭaħda, minn għoxrin sa tlietin l'akŭa. U tgħid, il ħŭienet mimlijin bin-nies tal katgħa tas-soci tagħna, ikattgħu iż-żmien tal mistrieħ tagħhom. U mela iċ-Circlu tagħna għandu jiġbed ankas? Ŭara dan collu cont nakta' kalbi, li ma contx naf li coll bidu hu tkil. Imma isħak u arġa isħak, nitma f'San Ġusepp li flaħħar il ħsieb tal

---

(1) Fost l'imsieħbin hemm ħafna kassisin.

(2) L'iscola bdiet f'Novembru u bakgħet sejjra sa nofs Ġunju, b'ħames lezzjonijet fil gimgħa ta siegħa u nofs il ŭaħda.

---

(1) Din tat-tieni nixtiek ħafna naraha migjuba fuk il *Habib*, mux biss għax chienet tasseŭ magħmula bil għakal, chif chien xierak għal Professur tal Istorja Ecclesiastica ġos-Seminarju, imma ucoll għaliex il poplu, meta jakraha, icun jista' jifhem għaliex saru ġo Ruma u mgħad-dinja collha dauc il festi cbar, li issa sejjrin isiru haŭn il belt fil Cnisja ta Giesu, fix-xahar ta Settembru, u li għalihom ġà kegħdin jingabru il flus minn Cumitat, li ma beħsiebux donnu iħalliha tibka' l'ura lil Malta, li, f'dac li imiss ir-religjon, dejjem chienet minn tal eŭŭel, anzi l'istorja tagħha hija minsuġa collha magħ dic tar-religjon. Naħseb li Dun Carm ma igħidx le; u ankas jaf jecc irid. Għax daks li hu mistur, dakshecc ieħor tal pjacir. Fil mistrieħ tas-sajf siegħa għall *Habib* isibha.

(2, 3) Saru darbtejn.

Cumitat iseħħ. U ġà għandi xi ħarira, għax, għad li hu is-sajf u collox rieked ic-Circlu, is-soci bdeŭ actar jersku lil hemm. Ix-xitŭa tasal, u'l Cumitat jissocta jaħdem biex iħajjar lis-soci bi ħŭejjeġ ġodda, u mbagħad mbiddel leħni, li ma icunx iżjed ta tghemghim u ta lŭiem, imma ta rebħ, ta ferħ u ta tifħir lil Alla, li għoġbu ibierec ix-xogħol tagħna, ma iħallihx jintilef.

Viva għala dejjem ic-Circlu San Ġusepp !

DUN PAŬL

## Santa Chiara ta Montefalco.

Fil *Habib* tal 15 ta Lulju deher articolu fuk il protettur tal Cungressi Eŭcaristici mictub minn Patri Leonardu, u fost il personaggi fiħ imsemmija deher l'isem ta Santa Chiara ta Montefalco *Agostiniana*. Fil periodicu tal Capuccini l'*Immacolata*, tal 15 ta Lulju ucoll, deher articolu editoriali, ghaliex minghajr firma, fuk il miracoli li jixhdu il presenza reali ta Gesù fl'Eŭcaristia (pag. 193) u fost il personaggi fiħ imsemmija deher l'isem ta Santa Chiara ta Montefalco *Frangiscana*.

Daŭc li kraŭ iż-żeŭġ articoli, mictuba it-tnejn minn żeŭġ idejn frangiscani ; jecc m'humiex imghallma biż-żejjed fl'istoria, ghandhom jaħsbu li kaddisin bl'isem ta *Chiara* u minn *Montefalco* jinsabu tnejn, ŭaħda Agostiniana u l'oħra Frangiscana. Imma m'hux hecc; dic Santa Chiara Agostiniana li semma P. Leonardu, hi l'istess Santa Chiara Frangiscana li semma il periodicu tal Capuccini. Imma x'contradizzjoni! Agostinjana u Frangiscana fl'istess ħin?

Niftehmu. L'auturi tal Ordni Frangiscan b'cap taħħom l'annalista Luca Waddingo u actar l'isfel Marcu ta Lisbona u oħrajn, chif ucoll il *Manŭali* tan-Novizzi tal Ordnijet collha Frangiscani, jitchellmu minn Santa Chiara ta Montefalco bħala Soru tat-Terz'Ordni taħħom u'l Calendarji tal Frangiscani tal frieghi collha igibuha bħala kaddisa tal Ordni; u l'Ordni jaghmel it-tifchira taħħa. L'aŭturi tal Ordni Agostinian fosthom eŭlenija Torelli u Herrera jitchellmu minn Santa Chiara bħala Soru tas-Second'Ordni taħħom u'l Calendarji Agostiniani tal Patrijet Scalzi ucoll igibuha bħala kaddisa tal Ordni; u l'Ordni jaghmel il festa taħħa.

Chif ŭieħed ifisser dil biċċa? Titfisser hecc, żeŭġ familji diversi li jippretendu il proprietà sħiħa fuk l'istess ħaġa. Ilu ŭisk żmien tkanklet bejn daŭn iż-żeŭġ Ordnijet qŭestjoni cbira fuk Chiara ta Montefalco, it-tnejn riduha b'taħħom, it-tnejn bdeŭ ilibbsuha il-libsa taħhom. Sa fl'aħħar daħħlu o indaħlet l'aŭtorità suprema tal Cnisja u din ħarġet degriet tas-Sagra Congregazzjoni li aħna krajna fi ctieb li jitchellem mid-devozzjoni taċ-Cintura, u fiħ jintghad li Chiara ta Montefalco chienet Agostiniana. Għalchemm fil materia ta storja il chelma tal Aŭtorità Ecclesiastica, li dejjem ghandna nilkghuha bil kima collha, m'ghandiex kaŭŭa biżżejjed, nistghu nghidu li il qŭestjoni giet decisa favur l'Agostiniani. Ŭara dan collu l'Ordni Frangiscan baka' iżommha b'tieghu bħal kabel, imma ŭasal il ŭakt tal beatificazioni u canonizzazjoni taħħa u postulatur tal caŭża chien l'Ordni Agostinian u fid-degrieti tal beatificazzjoni u canonizzazjoni dehret bħala Agostiniana, u l'istampa cattolica tchellmet minnha bħala Agostiniana, u fl'immagini dehret imlibsba bl'abitu Agostinian.

F'numru speciali tal *Acta Ord. Frat. Minorum* li ħareġ fiit snin ilu fl'occasioni taċ-Centinarju tal Ordni Frangiscan, fost l'ismijet tal Kaddisin tal Ordni krajna *S. Clara de Montefalco Virgo 3. Ord: ac deinde monialis Augustiniana in patrio cœnobio;* jigifieri l'eŭŭel terziarja frangiscana, imbaghd soru agostiniana.

Jecc katt nammettu dan, hua dejjem veru li l'aħħar regola li ipprofessat chienet l'Agostiniana, u ghaxet u mietet bil-libsa u fil monasteru tal Agostiniani.

L'aŭturi cbar fosthom l'ghorrief geżŭiti Bollandisti u'l Croiset iżommuha b'Agostiniana, hecc żammitha dejjem il fehma universali u mil istudiu u mil critica li saret fukha jidher li chienet Agostiniana u ebda prova ma dehret li f'xi żmien ipprofessat ir-regula Frangiscana.

Fiż-żmien taghna Patri Heriberto Holzapfel tal Minuri fl'opra tieghu *Manuale Historiæ Ord: Frat. Minorum* (Friburgi Brisgoviæ, Sumptibus Herder MCMIX) igib fil pag. 639 l'ismijet tal kaddisin tal Ordni Frangiscan, imma l'isem ta Santa Chiara ta Montefalco ma jidhirx fosthom. Dan l'aŭtur li ghadu ħaj b'dakshecc juri il fehma tieghu li Santa Chiara ta Montefalco ma chienetx Frangiscana.

Ŭara dan collu nistghu minghajr biża ta xejn nghidu li Santa Chiara ta Montefalco chienet Agostiniana.

E. ASCIAK-MIFSUD P.L.

## “ Respinto. ”

Ŭaslilna *Habib* minn tal gimgha li ghaddiet, b'din il chelma fuku : *Respinto*. Iżda minghajr l'isem ta min taparsi *baghtu l'ura*. Ghidba ! Ghax aħna ma baghtniex il *Habib* ghajr lill'Imsieħbin; u daŭn, mita ma iriduhx actar, *ighidu min huma*, ghax inchella jibka' imurilhom u icollhom iħallsuħ ! Mela, ghidba !

Il Cap tal Posta imissu jati ordni li, mita jinsabu fil *Caxxa Postali* minn daŭn il gażetti bil chelma *Respinto*, jinfethu u jinfleŭ tajjeb : ghax dac li baghtilna il *Habib*, barra milli hu *ghiddieb*, hu ucoll *ħalliel*. Difatti, chiteb *ittra sħiħa* fil faċċata ta geŭŭa u impostaha *bi tliet ħabbiet*. Biex ma jinkabadx, ŭaħħal il *boll* nofsu fuk il faxxa tal indirizz u nofsu fuk il gażetta, ħalli din ma tistax tinfetaħ. *Halliel fin*, ghad li ghal miżerja !

L'ittra ma chienetx ghalina: imma ghall chittieb taghna *Fra*......— dac li, fl'aħħar *Habib*, ghamel din il mistoksija: «Veru li is-*Società Dante Alighieri* chellha bi Presidenti taħħa l'Adrjanu Lemmi u l'Ernestu Nathan, it-tnejn Grammastri tal Mażuni u ghedeŭŭa cbar tal Cnisja Cattolica u tal Papa?...Allura x'sentimenti jista' icollha?...»

U l'ittra li giet b'*contravenzjoni postali*, geŭŭa il *Habib* taparsi *Respinto*, hi din:—

(a) (CHIAMATA *bħal din ma genb il firma* FRA....)

«(a) Pulcinell........ Veru li fi pranzijet tal Palazz fejn jistiednu l'Iskof u nies tal Cnisia icunu presenti protestanti u mażuni ? Allura x'sentimenti jista icollom ? tal protestanti, tal mażuni, jeu ta l'etichetta ? Buffun ! mur tghallem il logica ! Veru li f'ħafna Societaijet Maltin u kalb ħafna Maltin, jinsabu u jieħdu parti protestanti u mażuni bill ktajja ? Allura x'sentimenti jista icollom ? Mux ta l'istatuti jeu Regulamenti ? Allura ?—Jecc lè, ghaliex iħalluna nidħlu fihom u ma jiccunsiljauniex biex ma nissieħbux maħħom ? Ghax il mażuni u il protestanti huma ingliżi u mux taljani ? Jeu ghax it-taghlim tal Cnisia mux ma cull ħatt xorta uaħda ? Buffun ! tghallem irragiuna, imbaghd icteb, jecc taf.»

Carattru tajjeb, sabiħ u naturali, bla ħabi : imma *firma* xejn, già s'intendi ! Dnub, ja ħasra : ismu taħt din l'ittra, chien icun l'isbaħ *difisa* tal chittieb taghna.

Dac in-nitfa ta Fra.... chemm jaf actar *Logica* mil famus *Membru tas-Società Dante Alighieri* ! Ghiecu jiltakghu ŭiċċ imb'ŭiċċ (u, mita irid, inlakkghuhom) iħoss-ruħu tant ċchejchen kuddiemu, fil *Logica* u f'collox (sa fit-Taljan, ghad li ma ħax il prâtca Ruma), li jixtiek l'art tibilghu, mita jiftacar lil min kâl *Pulcinell* u *Buffun*! Dac il *Logica* ghallimha lil ħafna minn tas-Società: imma donnhom mhux collha chien moħħom jarfa' biżżejjed !

Ma dan collu Malta żghira ħafna u (barra milli ghandna prâtca cbira fil *carattri* tal *letterati* taghna) nafu chemm hemm fost il letterati tad-*Dante Alighieri* li jictbu hecc tajjeb bil Malti ! Imma biż-żejjed sa haŭn: anzi, nittamaŭ li dan l'*Anonimu*, hecc *baxx* u *viljacc* fl'azzjonijet tieghu, ghad li jicteb b'*carattru* u *stil* ta letterat, mhux Membru tad-*Dante Alighieri*. Nafuhom collha il Membri ta din is-Società u qŭasi collha ħbieb taghna tal cunfidenza, li saħansitra chienu stiednuna biex nidħlu maħħom : u jidhrilna li ma hemm fosthom ebda ŭieħed hecc *vili* (ghax, barra minn dac li krajtu u li hu diġà *pastaż* biż-żejjed, fl'ittra hemm *ħames chelmiet oħra, ħames titoli lill Fra......*, li aħna, mħabba ir-rispett li ghandna ghall Karrejja tal *Habib* u ghalina infusna, ħallejnihom barra). Povru Dante, min irid imarcja taħt l'isem tieghu !

Ŭara li chien diġà stampat dan l'articlu, ŭaslitilna ittra tas-Sur Emmanuele Borg P.P. (mil Belt, *Strada San Nicola*, numru 52) li titchellem ħafna fuk is-*Società Dante Alighieri*, bi tŭiegiba lill FRA...; u aħna, li, bla partit ta xejn, dejjem inħobbu nsemmghu iż-żeŭġ kniepen, conna ngibuha fil *Habib* bil kalb collha illum stess: imma jaħtieġ l'eŭŭel naraŭ ŭiċċ imb'ŭiċċ is-Sur Borġ, biex nistaksuħ ħaġa jeŭ tnejn fuk li chiteb. Isibna cull jum l'Uffizzju taghna, barra mil Hdud, fis-sebgha ta fil ghodu; jeŭ il Korti, mid-disgha sa'l ħdax. Nixtieku naraŭħ ħafna: u, frattant, niżżuħ-ħajr mn'issa ta chif tchellem fukna u fuk il *Habib*.

## Fi Scôla ta bil-lejl.

*(bejn is-Sur Mast, Kassis żagħżuħ, li jaf b'ħafna lingŭi u imsemmi fost l'actar ghorrief; u Scular, acbar xi tnax il sena minnu, li, ŭara ix-xoghol tal gurnata, imur ghall Lezzjoni, ghax jixtiek icompli jitghallem xi ħaġa).*

—Sur Mast, illum nistħajjlec tghidli li jen ŭiċċi jatini iż-żejjed: imma nixtiek naghmillec mistoksija li ilha żmien tŭil f'gherżumti....

—Jakaŭ ! Biex inti gej ? Nisimghu....

—Ghaliex San Luka, mita chiteb chif ilkajna il San Paŭl u il sħabu, sejjħilna *Barbrin ?*....

—Ghax, dac iż-żmien, il Grieghi u il Latini chienu isejjħu *Barbru* il cull min ma chienx jaf bil Grieg jeŭ bil Latin. Dan ighiduħ il Ghorrief collha.

—Mela, mhux ghax conna nies l'ura, nies grixtin u salvaġġi !

—Xejn affattu ! U li ma conniex nies l'ura u grixtin, jidher minn chif ilkajna il San Paŭl u il sħabu. San Luka chien maħħom: dac li chiteb fukna, raħ b'ghajnejħ: u f'dic li stess chitba ftaħar bl'imgiba ta missierijetna, fejn kâl li lakghuhom bi ħniena cbira, bakghu iduru bihom chemm dâmu haŭn u mita geŭ biex isiefru taŭhom cull-ma chellhom bżonn !

—Din m'hix imgiba ta nies l'ura u salsaġġi !

—Jidhirli ! U ma kalx hecc ghall San Publju u ghall Cbarat ta ma dŭaru biss, imma ghall Poplu collu, ghax ħalla mictub ucoll li CULL MIN *chellu xi ħadd marid mar ħâdu ghandhom, biex San Paŭl ifejjku....*

—Iva: dan cont nafu, ghax krajtu fil *Kuddiesa ta San Paŭl* u fil *Kuddiesa ta San Publju*, li id-Direttur tal *Habib* chien ħareġ ilu ħafna snin bil Malti.

—Seŭŭa-seŭ: l'*Eppistoli* ta San Paŭl u ta San Publju meħudin mil *Ctieb tal Appostli*, fejn San Luka chiteb fukna dan li ghedna collu.

—Mela, *Barbrin* jigifieri ma jitchellmux bil *Grieg* jeŭ bil *Latin* !

—Hecc hu. Dac iż-żmien, il Grieghi u il Latini chellhom dic il fehma: u chienu isejjħu *Barbrin* saħansitra l'Egizzjani, li chienu Poplu minn ta kuddiem nett !

—Mela, aħna u la conna nitchellmu bil Grieg u inkas bil Latin !

—Dan sgur ! Chiecu sabûna nitchellmu mkar b'ŭieħed minn daŭc iż-żeŭġ ilsna, San Luka, ŭara li faħħar tant l'imgiba taghna maħħom, ma chienx isejjħilna *Barbrin* !

—Biex conna nitchellmu, Sur Mast ?...

—Tajjba din ! Bil Malti: jigifieri b'fergha tal *Fenicju*, li dac iż-żmien chienet ghadha ŭisk actar maghluka m'illum, ghax chienet ghadha chemm bdiet tinferak mn'ommha; u imbaghd bakghet tintaġar dejjem, chif ġara, bejn ŭieħed u ieħor, lill'ilsna collha taddinja....

—Mela, ghax ighidu li il Malti m'hux ħlief *dijalett gharbi* ?....

—Hmerijet ! Il Malti u il Gharbi aħŭa, ghax it-tnejn ulied il Fenicju, bħalma huma uilied il Fenicju bosta ilsna oħra tal *Orient*; aħŭa, bħalma huma aħŭa it-Taljan, il Franciż u li Spanjol, ghax it-tlieta ulied il Latin: imma *lingŭi* collha chemm huma ! U daŭc tal *Orient* huma *lingŭi* actar kodma minn daŭn li semmejna l'aħħar.

—Niżżiċ-ħajr, Sur Mast. Chemm ghallimtni ħŭejjeġ sbieħ il lejla.

—Kabel tmur, irrid nghidlec din. It-Tabib Ernestu Manara (Alla jatiħ il Genna), ilu xi 25 sena, chiteb ctieb b'dan l'isem: *La Lingua di Malta traverso i secoli*: jigifieri *Il lsien ta Malta mat-tûl taż-żmienijet*: fejn ried ighid li il *Fenicju* intilef, ghax bil kajla daħal f'lôcu il *Grieg*; u, imbaghd, intilef il *Grieg* ucoll, ghax bil kajla daħal f'lôcu il *Latin*; mnejn, fl'aħħar, tlakkam it-*Taljan*. Imma, billi, scond il fehma tieghu, mita giè San Paŭl aħna conna nsejna il *Fenicju* u sirna nitchellmu *lingŭa* bejn *Griega* u *Latina*, tħaŭŭad ghalcollox fuk li San Luka sejjħilna *Barbrin*; u chemm-chemm, biex joħroġ mix-xibca li sabruħu fiha, ma chienx sejjer ighid li San Paŭl ma giex Malta, ghax il *Melita* ta San Luka chienet il gżira *Mileda* (li, dac iżżmien, cliem bejnietna, inkas chien fiha nies). Mela, ma niċċajtaŭx ma li Storja: u cun imbierec.

***

# Ma dûar il Gżira.

L'ittra li baghtulna minn Montreal (Canada) Carmelu Micallef u Manŭel Sammut, ghad li ta impurtanza cbira, icollna nħalluha ghall gimgha id-dieħla, mħabba in-nukkas tal ŭisa. Frattant, billi il *Habib* hu mxerred f'bosta bliet tal Canada, il Maltin ta daŭc l'inħaŭi sicŭit jictbulna; u, min jixtiek jaf xi ħaġa, jecc jigi isibna, sa fejn nistghu, nakduħ bil kalb collha.

—Ghand Familja tajjba, haŭn il Belt, jinsab *Crucifiss cbir*, li jista jokghod fuk artal ta cnisja u jisŭa kafna ucoll ghal palc tal Esercizzi u ħŭejjeġ hecc : min jixtiek jirriscattaħ, jigi isib lilna u aħna nghidulu il min ghandu ichellem. Opra sabiħa, li m'hix ta min iħalliha taħrablu.

—Nhar il ħadd li gej, it-3 t'aŭissu, fil 10 u nofs ta fil ghodu, *Seduta Generali* tal Unjoni Cattolica. L'Imsieħbin mitluba li ma jonksux.

—Ir-Revendu Cappillen tal Hamrun talabna nħabbru li, b'Degriet moghti mill'Arci-Iskof ta Malta fuk talba tieghu, il festa ta San Ghejtanu, mis-sena stess, tibda issir nhar ta ħadd dejjem: jigifieri il ħadd ta fuk is-sebgha t'aŭissu, li hi il ġurnata ta San Ghejtanu. Is-sena, il festa taħbat ma San Laŭrenz, fil ghaxra t'aŭissu. Mita issebgha t'aŭissu jaħbat il ħadd, il festa ta San Ghejtanu issir fil ġurnata taħħa.

—L'articlu ta *S.C.Ż.*—Sacerdot maghġun scond il Kalb t'Alla—bl'isem ta *Nispiċċaŭha*, articlu sabiħ ferm u idokk ferm ghall ŭidnejna, ingibuħ il gimgha li gejja.

—Il Curunell Manchè sejjer joħroġ ctieb bil Malti fuk l'Emigrazzjoni ta fejda cbira ghall Poplu. Krajnieħ *manuscritt*: u nistkarru li aħna stess tghallimna bosta ħŭejjeġ minnu. Nirriccmandaŭ li cull min icollu ħsieb isiefer bħala Emigrant, b'eŭŭel thejjija jieħu u jifli tajjeb il ctieb tal Professur Manchè.

—Niżżu-ħajr lis-*Società Storico-Scientifica Maltese*, li ghoġobha tibghatilna l'aħħar faxxiculu tal *Eŭŭel Ctieb* tal Archivium Melitense. Fiħ, barra min bosta aħbarijet fuk dic ix-*Xirca*, ħafna Discorsi ta fejda cbira ghall Malta; u fosthom dac tal Professur Tagliaferru bl'Ingliż, *fuk ix-xebħien bejn l'ismijet ta nħaŭi fil Palestina u f'Malta*. Jakraŭħ u jixtarruħ seŭŭa daŭc li iridu jiċħdu ilsien ommhom !

—Illum ucoll, b'ghokla ta kalbna, chellna nħallu *ghal darb'oħra* l'articlu tas-Sur G. Vassallo u *barra ghal-collox* żeŭġ articuli li ma jisŭeŭx ghall gimgha id-dieħla.

—Jiddispjacina ħafna li ŭaslulna tard ŭisk l'aħbarijet ta *Ma dŭar id-dinja*, ghax, daks chemm icunu dejjem maghżulin fost l'actar ġodda u miġbudin bil ħeġġa, il Karrejja taghna ifittxuhom b'leħħa cbira.

## IL VESSUVJU.

(*Jissocta mal ghdd 72*)

Chif tas-seŭ ġara ftit ŭara fl'1883, bil chixfa ta ŭieħed mill'*affreschi* li instab f'Pompej u b'hecc saħħaħ u ŭettak il ħsieb tal Palmieri; imgħarbla, mbgħad, ucoll bi cbira rekka mit-tfittxija tal Franco, fuk dan il ħżuż u 'l għamla ta din it-tpingija, li tchellem ŭisk tajjeb minnha.

Mela, il Vessuvju chien miżmum b'munġbell li jitfa in-nar ŭisk kabel ma bdeŭ inizzluħ fil Ġrajja tad-dinja (*Storja*); biss l'ebda tifchira ma chienet ŭaslitilna tat-tfiħ tieghu, billi actarx chienu iżommuħ bħala vulcan mitfi. Djodoru Siculu fejn jitchellem min-niżla ta Ercole fix-xgħari ta Cuma, ighid: «Jintgħad li daŭn ix-xgħari Flegrej, jeŭ xgħari maħrukin, ħadu isimhom minn munġbell krib lejhom, li chien jitfa nar li ma bħalu, xi ħaġa bħalma hu il Munġbell ta Skallija, billi għadhom jidhru fihom sa 'llum xi tbajja ta ħruk kadim ferm.» Iżda din, minn cull naħa tidher li hija klajja gejja minn żmien żemżem, li jista icun li kaluha minn kabel u bakgħet miexja sat-tŭelid tal Feddej tagħna. Imma min jista jaf minn chemm u chemm eluf ta snin il Vessuvju chien maħluk kabel daŭn il ftietak?... Min jaf f'chemm il tefgħa nar kaŭŭija il bniedem ta dac iż-żmien chien jinsab?....Min jaf x'rà b'għajnejħ...Hŭejjeġ li aħna ma nistgħux nafu, u li ebda tifchira ma bakgħetilna tagħhom. Iżda biss nistghu nicxfu xi ħaġa b'ħafna taħbit u icollna nimxu fuk xi fdal kadim ŭisk, chif titlob is-sengħa. Insibu fil *Campanja Felix*!, ctieb żgħir tal professur Filippu Porena, stampat fl'1904, li fil bidu taż-żmien fustani (*età secondaria*) jeŭ biex nifthemu aħjar għall ħabta *trjasica*, hecc imsejjħa mil għakda tal ħames gemgħa ta artijet li huma magħmulin minn tliet ħŭejjeġ eŭlenin, li minn hecc siltu il chelma *Trjasico*; issa biex ŭieħed jifhem seŭŭa jinħtieġ li ngħidu xi ħaġa fuk chif issaŭŭru xi artijet. Ŭiċċ l'art m'hux mill'eŭŭel chien bħalma jinsab illum, iżda ħa di'l għamla bil ftit il ftit. It-tul ta żmien li il għorrief jatu biex issaŭŭru l'artijet, ikassmuhom fi tliet iżmna cbar. Daŭna l'iżmna jarġgħu jitkassmu fi tlittax il ħabta (*periodo*) oħra, li ħadu isimhom mill'art li minn tulhom issaŭŭret. L'eŭŭel żmien jitkassam fi tliet ħabtiet li huma: Silurjanu, Devonjanu u Carboniferu. It-tieni żmien fiħ sitt ħabtiet imsejjħin hecc: Peneanu, *Trjasieu*, Vogés, Gjurassicu jeŭ Ooliticu, Cretaceu t'isfel u Cretaceu ta fuk. U l'aħħar żmien jieħu erba' ħabtiet li ighidulhom: *Eocenicu*, *Mjocenicu*, *Pljocenicu* u *Plejstocenicu*, li huma chelmiet grieghi, li ifissru, *iżjed kadim*, *inkas ġdid*, *iżjed ġdid* u *l'iżjed ġdid*.

Nakbdu issa għal fejn conna, għaliex tbegħidna ŭisk mit-triek tagħna. Immela, għidna li għall bidu tal ħabta li bdeŭ isiru l'artijet trjasici, il Campanja, bħalma igħid Perona, chienet għadha collha mgħarrka bl'ilma u li chienet issaŭŭar bħal daħla ta baħar ŭasa u cbir, li minnha l'eŭŭel ma ħarġu mħabba fit-tfiħ ta nar ta sicŭit, chienu ixgħari Flegrej, u mbgħad deher il Vessuvju. Għad-dehra tal bniedem fuk ŭiċċ l'art il Campanja chienet fl'akkal tal kaŭŭa tattfiħ tan-nar tagħha li għalhecc ma setgħetx tatiħ chenn u kagħad fis-sliħ; l'eŭŭel nies li għammru daŭc li nħaŭi chienu l'*Aŭsonji* u l'*Opicji*; u fis-seclu Hdax ta kabel Cristu, nizlu hemm il Calcidesi; fis-seclu Tmienja, ŭaslu l'Etruschi; u hecc bakgħu sejjrin igħammru hemm nies ŭara nies; minn haŭn tibda il ġrajja ta dic l'art: iżda chienu għadhom ma bdeŭx jitniżżlu il ġrajja tal Vessuvju.

Tal Vessuvju ?... Aħna nibkgħu insejjħulu hecc, iżda bħalma il għamla tiegħu ma chienetx dejjem xorta ŭaħda, hecc ismu l'ankas chien li stess..Fregulso chien isejjaħlu *Esbju*; Svetonju, *Vesebju*; Xifilinu, li chiteb fuk Djone Cassju, *Bebju*; Diodoru Siculu, Marzjale u Xifilinu band'oħra, isejjħulu *Vesbju*; Stazju Silju Italicu u Valerju Flacco, isejjħulu *Vesbju*; Virgilju, Lucrezju, Aŭsonju, Claŭdjanu, Stazju u Boezju isemmuħ *Vesubju*; u fl'aħħarnett minn Plinju l'isfel, *Vesuvju*, bħalma'nsejjħulu aħna: u f'xi takbil (rimi tal poeżija) isemmuħ ucoll *Vesévo*.

(*Jissocta*) Gius. Micallef Goggi.

# Chitbulna:—

I.

Sur Editur,

Il Comitat tal Festi Centinari Costantiniani jitolboc ixxandar fil giurnal popolari tieghec li, chif jidher minn ittra li baghtlu is-Segretariu tal Iskof, l'Imkaddes Papa ghoġbu jati il Barca Apostolica lil daŭc collha li jaħdmu, jeħdu parti u jatu xi flus biex dina il Festa Centinaria tirnexxi scond ix-xeŭkat tieghu.

Minn dina l'ittra culħadd ghandu jaghraf li qualunque nisrani ghandu ighin ruħu, jaghmel chemm jista biex Malta ma tibkax l'ura minn pajjiżi oħra, meta naraŭ li il Papa, persuna hecc cbira, Vigarju ta Gesù Cristu, li ghandu tant ħsibijet f'rasu biex imexxi il Cnisja collha, jindenja ruħu jatina il Barca tieghu biex iżjed ihejjina ghal dina il festa.

Sac. Giuseppe Francalanza,
*Segretarju.*

II.

Sur Direttur,

1. Jecc joghġboc sejjer nitolboc tirrispondini ghal daŭn it-tliet Mistokssijet : cioè :

Jecc hux tas-seŭ li il Protestanti ma iħabblux moħħom xhin aħna ma insirux Protestanti bħalhom ?

2. Ghaliex daż-żmien ir-Reverendu G. Maurin jinsab f'Palazz u bis-seftur mieghu biex jakdiħ f'cull ma jaħtieġ?

3. Hecc hux tas-seŭ li il Carmlitani xi ħmistax ilu telakhom Patri u mar mal Protestanti?.........(*)

Jena fhimthom tajjeb il bosta karrejja tal ġurnal ta cull culur: *Non Plus Ultra.* Imma naħseb li is-sicrana inti taghraf tghażilha actar minni.

Inselli ghalic ħafna u tal fastidju niżżicħajr.

L'Isla, 20. VII. 1913.

G. D. Gnni.

## Lid-Dielja.

Ħaddar, ja dielja, taħt ix-xemx ta Mejju,
Ifrex iż-żragen mas-sisien, mal moxa;
Fuk art tŭielidi tħallix xiber blata
Haŭli jeŭ 'mnażża.

Onfoħ il ghenba leŭn id-deheb li jilma
F'xuxit it-trabi minn tal bdieŭa taghna,
Jeŭ seŭda bħala ħbub ghajnejn ta xebba
Smajjra kamħija.

Mita Settembru imbaghd jasal imċajpar,
Rodd il ghenieked collhom saħħa u benna:
Faŭŭar il btieti b'inbid sâfi, u imla
Djarna bi fŭieħtec;

Ħalli iżjed ma naraŭx fuk xatt gżiritna
Minn daghajjes kodma u maħmugin jitferraħ
Taparsi nbid li minnu l'ebda katra
Ma taf id-dielja.

Ħalli ma nisimghux lil min jaghdirna
U jidħac bîna minnu fiħ: m'hix tieba
It-tieba żejjda: bluha cbira tixtri
Il meŭt bi flusec.

O Malta tieghi, ma rajthiex id-daħca,
Ma smajthiex tfakka fuk xuftejn barrani?
Urieħ imlibbsa cullimchien bid-dŭieli
Għôljet xemxija.

Tħarisx lejn dari; la tistmerx is-sengha
Ġdida li tgharrfec chif ittuk id-dielja:
Iżbor, u kaċċat: tħallihiex tisserdak,
Iżda moghnija

Bi ftit ghenieked fuk kasbiet imsallba
Żommhabejn ghôlja u baxxa: u jecc xi marda
Il gherk tmissilha, jeŭ il ghenba, inchella
Il ŭerka sfajjra,

Roxxilha it-traba tal cubrit, sakkiha
Bl'ilma tar-râm, u l'oksma jerġghu ħodor
Forsi m'hix ċajta: mhux ghax hecc chien darba
Hecc jibka' dejjem.

O Malta, Malta, liema gid jecc taghraf
Tŭarrab mil mejjda dac is-semm li tixrob,
U biss bil katra minn tad-dielja tieghec
Tifraħ ma uliedec!

Tħallix, tħallix, fit-tokol tax-xoghl tieghu
Lil ħaddiem tieghec bieżel u kalbieni
Il ghatx itaffi ħlief bid-demm ta siġra
Mrobbija minnec.

Hecc huŭa ma jischirx, ma iħassarx demmu,
Moħħu icun f'sictu, u kalbu tcun kaŭŭija,
U fuk uliedu ma jinghalakx cmieni
Ghatu ta kabar.

Dun Carm Psaila.

Mil Lucerna tal Hajja. — 66. Kabel titlob, aħfer, iċċecchen kuddiem Alla, emmen li takla' u fl'isem ta Gesù itlob sa takla'!

(*) Fuk din l'aħħar mistoksija ŭiegibna il gimgha l'oħra. Fuk tal eŭŭel, inŭieġbu: *U chemm!* Fuk tat-tieni: *Trid ŭisk biex tħossha id-dakka?!* ......

Id-Direzzjoni.

## Mil Canada:—

Sydney C. B. Lugliu 2 1913,

Sur Direttur tal *Habib*,

Jena sa nichtiblech erbgha versi peress li gimgha ilu gietni il gazzetta tighac fideija; il *Habib* ta 3 ta Gunju 1913; u fejn fiha krait l'ittra li bghatulech min Montreal ta 7 ta Mejju 1913, li fl'ittra, jena dehrli li dauc il Maltin ma ghamlux seuua meta chitbu li il Maltin li ma iafux bl'inglis ma ghandhomx ghax iaktau kalbom: Mela issa fuk dina il biċċa jena irrid nictep lil *Habib* biex jech is-sur Direttur jogbu jeħu ftit fastidiu bija u jistampa fil gazzetta il *Habib* dana li iena sa nichtep al patriotti u mahbubin tighai Maltin ta Malta; ghalhecc jena l'euuel ħaga li navzacom hia, li min ma iafx bl'inglis mandux ghax jitlak min pajjsu ghal artiet inglisi, l'ankas ech icun l'akua imghallem li jinsab gio Malta, ghax jech Malti ma jifhimx bl'inglis u tas-sengha icun kisu tifel ta 5 snin, bla ghakal. Peress li mghalmin li iridu iħapptu rasom maħhom icunu colla inglisi, u meta dan il povru Malti li imur biex iaħdem u ma jistax jifem l'ordnijet li itih, nixtiek naf xisir min dac il povru: isir li il mghallem meta jara li ma femux bl'inglis ighidlu li ma jistax icun li izommu, ghalhecc icollu ioħrog u imur isib xi xghol iħor bil pala, allura addio is-sengha li chien jaf, u icollu ibati ictar, u iaghmel flus inkas: issa irrid ngharfec ucol inquantu ghal flus.

Mela l'euuel ħaga li irrid ngharraf il Maltin tal maħbuba Gzira ta Malta, hia li fil Canada il paghi uma cbar ħafna imma ghandcom tafu li il ħaija ghalia ferm ucol ghalhecc quasi tigi xorta uaħda pħal Malta, biss fil Canada ma issipx dac il kghat pħal Malta, peress li lart tal Canada hia cbira uisk, u il popolazioni hi zghira ferm; insomma jena ma ctiptx dina l'ittra lil Maltin biex niscuraggiom, le, biss jena inħop il patriotti tighai Maltin, fein nixtiek li meta nintakgha ma xi Malti insibu aħiar minni, ghalech jena il parir tighai hu li dauca il Maltin li ma iafux bl'inglis aħiar ghaliom jpkau Malta, u ghal dauc li jafu bl'inglis u tas-sengha lisbaħ ħagia li ighamlu jitilku min Malta, ħalli jitghallmu ictar milli jafu u ħalli iarau chif inhu stmat ir-ragel tas-sengha geuua il Canada u l'aħħar chelma li jena nargia nicteb lil dauc il Maltin li ma jafux bl'Inglis navzghom biex ma jitilkux min Malta: issa ħagia oħra irrid nichtep biex min jitlak min Malta ictar ma icollu ħueijec uisk aħiar ghax il ħueijec tal Canada ghalin ferm, fein jena meta tlakt min Malta il hueiec li chelli serveuni 5 snin, ghalech ara chiecu cunbinazioni ma siptx naħdem chem cont incun mistrieħ peress li chelli ħafna ħueiec, ghax fil Canada trit ħueiec ferm peress li ghaun bart ferm.

Issa sur Direttur jena sa naghlak din l'ittra fein bigha irrid ingharfec li jena ili f'Sydney C. B. 6 snin u xgharein fein jena dejjem ħdimt u illum il giurnata ninsap mizzeuec, fein ninsap cuntent ferm mal mara u ittfal, u zeuc Maltin oħra li jisimhom Carmelo Mizzi u Giuseppe Vassallo.

Sur Direttur, issa jena nibghat inselli ghalic ħafna, u ghal dauc il Maltin colla li jafuni, u nitolboc biex tiscusani ħafna ghal li zbagli li iena chtipt, u ta dana nirringraziac mil font ta kalbi.

Salvo Mizzi
279 Esplanade
Sydney C. B.

## Minn haŭn u minn hinn.

F'Dublin (Irlanda) xerrdu carti *anonimi*, fejn javżaŭ il Poplu biex ma jidħolx suldati u baħrin ingliżi.

* Ġŭanni Nericu Mears telak minn New York (America) biex idur id-daŭra tad-dinja, mal ghoxrin elf mîl, fi 35 ġiurnata.

* Ir-Re Manŭel, tal Portugall, li issa sâr republica, sejjer jiżżeŭŭeġ ma Tedesca, il Principessa Aŭgusta Vittorja.

* Cumpanija ingliża taċ-ċinematografu ghamlet il battalja ta Waterloo. Ħâdu parti ma elfejn bniedem, elf żiemel u ħamsin canun.

Waterloo hu post fil Belgju, fejn, fis-sena 1815 saret battalja cbira ta Nazionijet alleati contra Napuljun il Cbir, li ħareġ tellief.

* L'Inghilterra sejjra issir cumpanija tal blalen tal ârja, ghall passiggieri u tghabija. Daŭn jivvjaġġaŭ bejn l'Inghilterra u postijet tal cummerċ fil Continent.

* It-tieni tifla tal President Wilson (America) iżżeŭŭġet lill' Avucat Franċiż Bowles.

* L'Imperatur Gulielmu, tal Germanja, ghamel xjaġġ fuk l'icbar vapur tad-dinja (*Imperator.*)

* Il Cap tal Posta tal Inghilterra sejjer jitlob mal ghaxar t'elef lira biex igedded it-telefonijet.

* British Columbia hi fil punent tal Canada. Fiha mal 382,390 mîl qŭadrati. Ir-raba hu mill'aħjar. Hemm numru cbir ta Indjani u Ciniżi.

* Sejjrin igeddu il belt tal Cajr, (l'Egittu): iġârrfu corpijet sħah ta bini, jiftħu trekat usa u isbaħ.

* Sejjra tghaddi Lîġi geŭŭa Franza li il leva issir ghal tliet snin minn ġuvintur ta *ghoxrin sena.*

A. A.

†

Itolbu ghall mistrieħ tar-ruħ ghażiża tal

**Curunell Conti Paŭlu Bernard,**

li miet, ghal gharrieda, nhar l'erbgha li ghaddeŭ, fit-8 ta bil lejl (fid-Dar tal Campanja, tas-Sliema). Chellu 72 sena: u chien maħbub minn cull-ħadd, ghax, barra milli chien ragel tal Cnisja u ta familja tajjba, chien dħuli u kalbu f'idejħ. Alla jatiħ il Genna.

Il funeral cbir, li sarlu nhar il gimgha, ŭira chemm chien ragel stmat minn cull xorta ta nies.

Natu il ghomor lill ħabib taghna Cavalier Conti Federicu Bernard, M.D., lill Contissa Bernard u lill Familja taħħa collha.

## MOGHDIJA TAŻ-ŻMIEN.

XARADA MRICCBA.

1. Jen katt ma icun ŭaħdi ghajr mejjet.
2. Jen xiħa maħbuba mit-tfal.
1. 2. Tax-xcora 'ssib fija xi fdal.

S. S.

L'aħħar *Accrexxittiv falz* chien:

Paga—Pagun.

Giebuħ tajjeb: mil Belt, ir-Rev. G. G., is-Sinjura Caterina Borġ u is-Sur Censu Abela—u mil li Msida, is-Sur G. Attard.

## AVVIS.

It-Tesorier javsa lill Caxxieri collha li, għat-tliet xhur tas-sajf, icunu jistgħu isibuh l'Unjoni jeŭ il Palazz Carafta, il belt, Strada Forni, numru 94, coll nhar ta Ħamis, middisgħa ta filgħodu sa nofs in-nhar.

It-Tesorier tal Caxxa tat-Tifdil

Can. P. Galea.